MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 163/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**vs**

**Carmel Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 848152M(M).

Akkuzat talli fil-15 ta’ Awwissu 2008, ghall-habta ta’ nofs il-lejl, gewwa Misrah San Filippu:
Waqt li kien qieghed jahraq in-nar ta’ l-art, b’nuqqas ta’ hsieb jew bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, involontarjament ikkaguna hruq fuq il-persuna ta’ Sandra Bartolo u kkagunalha ferita ta’ natura gravi kif iccertifikata Dr Antonella Mifsud M.D. ta’ Mater Dei.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat ukoll illi llum il-gurnata il-vittma Sandra Bartolo thallset a saldu ta' kull pretensjoni fuq l-allegat danni sofferti minnha.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa persuna licenzjata regolarment mill-ghaqdiet u mill-entitatijiet kollha sabiex ikun jista' jimmanufattura jew jissorvelja xoghol tan-nar u kien il-persuna responsabbli mill-hruq tan-nar ghall-festa mertu tal-kawza odjerna u dan kif jixhdu diversi dokumenti esebiti fil-process u immarkati Dok. AM2 sa Dok. AM 5 (a fol 16-20).

Illi rrizulta illi waqt li kien qed jinharaq il-loghob tan-nar tal-art fil-festa ta' Santa Marija ta' Hal Ghaxaq, illi giet feruta certu Sandra Bartolo li sofriet feriti gravi hekk kif iccertifikat u xehdet l-istess tabiba li ezaminata u cioe` Dr. Antonella Mifsud u l-ispecjalista Mr. Joseph Briffa. (ara Dok. SB 1, SB 2, u xhieda a fol 45).

Irrizulta wkoll mill-assjem tax-xhieda illi l-vittma Sandra Bartolo kienet tinsab xi erbghin (40) metru il-boghod minn fejn kien qed jinharaq in-nar tal-art u f'daqqa wahda hija hasset daqqa b'injama bin-nar ghal fuq wicca li mbaghad baqghet niezla ghal fuq sidirha. Hija spjegat li kellha tifla ta' hames snin fuq idejha u li meta hasset dan in-nar tefghetha fl-art sabiex hi ma tkunx tista' tintlaqghet. Fuq mistoqsijiet ohrajn il-vittma qalet illi hija kienet gol-qalba tan-nies, illi kienet xi hamsin (50) metru il-boghod minn fejn kien qed jinharaq in-nar u tiftakar li kien hemm xi tank li jissepara in-nar minn man-nies.
Xhud ohra u cioe` Maria Galea li kienet mal-vittma dakinhar xehdet illi qabel sehh l-incident hija kienet xi tlett (3) metri il-boghod minn Sandra Bartolo ossija aktar vicin ir-raddieni tan-nar. Hija tiftakar tara l-balla tan-nar ittir u taqa' fuq il-vittma biex b'hekk kellu l-effett li nharqilha parti minn ghonqha u sidirha. Hija xehdet ukoll illi kienu fuq

wara hafna tan-nar u fuq il-post kien hemm ‘barrier’ tal-hadid li tissepara n-nies minn man-nar.

Illi minhabba n-natura tal-incident, il-Qorti innominat espert tal-Qorti l-Maggur Jeffrey Curmi li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu permezz ta’ rapport esebit u mmarkat Dok. JC. Illi l-konkluzjonijiet tal-Maggur Curmi kienu fis-sens illi, wara semgha ix-xhieda kollha involuti ghamel certi kostatazzjonijiet u cioe`:

i) Illi m’hemmx xi ligi li tirregola loghob tan-nar fuq l-art u ghalhekk m’hemmx regoli li jirrikjedu xi distanzi minn nar ghan-nies;

ii) Illi l-imputat kellu l-permessi kollha necessarji sabiex jopera tali nar u li kien validament assigurat skont il-ligi;

iii) Li n-nies ghandhom ikunu konxji ta’ fejn marru u l-perikolozita` ta’ x’qeghdin jaraw;

iv) li l-vittma kellha familjarita` mat-terminologiji tal-loghob tan-nar; u

v) li jrid ikun hemm ‘exit plan’ appozita f’kaz ta’ emergenza.

Illi il-Maggur Curmi ikkonkluda illi l-imputat Carmel Azzopardi bhala l-persuna responsabbli tas-sorveljanza tal-hruq tan-nar ghal dik il-festa partikolari, effettivament halla distanza minn man-nar san-nies u dan ghamilhom cari permezz ta’ tankijiet appoziti ghalkemm gara li xorta wahda sar dan l-incident.

Ikkonkluda wkoll illi persuni bhal vittma, li wkoll kienet qeghda ggor tifla zghira maghha u li hija midhla sew tal-loghob tan-nar, ghandha jkollha aktar responsabilita` sabiex toqghod aktar ’il boghod sabiex tevita kemm jista’ jkun xi incidenti.

Illi din il-Qorti, hekk kif ikkonkluda l-espert il-Maggur Jeffrey Curmi, thoss illi dan kien verament incident sfortunat u li l-imputat, in mankanza ta’ reoglamenti lokali fuq il-hruq tan-nar tal-art, ghamel dak kollox necessarju

sabiex jevita kull tip ta’ ncident. Illi in mankanza ta’ dawn ir-regoli, l-imputat ma kellux triq ohra hlief li jagixxi bhala *bonus pater familias* u dan skont il-Qorti u fic-cirkostanzi tal-kaz kien bizzejjed li jidentifika zona b’’barriers’ li m’ghandhomx jersqu n-nies u ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat m’ghandux ikun responsabbli kriminalment ghal dan l-incident.

Interessanti hija kwotazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet ***Pulizija v. Perit Louis Portelli*** **(deciza Imh Flores 4.2.1961)** li ghalkemm dan il-kaz jittratta perit hemm hafna similjanzi mal-kaz in kwistjoni. Intqal hekk:

***“Ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju hu mehtieg li tirrikorri kondotta volontarja negligent – konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb, traskuragni jew nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew specifikatament f’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita` minn event dannus involontarju; u ghall-accertament tal-htija minhabba kondotta negligent ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma’ dik tal-‘bonus pater familias’.***

***Fil-kaz ta’ professjonista`, id-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta’ bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu.”***

B’dan pero` ma jfissirx illi s-sitwazzjoni ghandha tibqa’ dik li hi, u ghalhekk qeghda ssir rakomandazzjoni sabiex isiru regolamenti adegwati ghall-hidma u wirja ta’ dawn il-loghob tan-nar tal-art liema kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-Ministru tal-Gustizzja sabiex jiehu konjizzjoni taghhha.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 533, 328 (b), 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lill-imputat Carmel Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------